A.L. 45 ta' l-2002

ATT TA' l-1992 DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (ATT NRU. XXVII TA' L-2000)

Regolamenti ta' l-2002 dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Politika Soċjali, wara li kkonsulta lill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Tifsir

2. (1) F'dawn ir-regolamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort`oħra –

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-2000 dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tas-Xogħol;

"komunikazzjoni verbali" tfisser messaġġ predeterminat mitkellem u mwassal b`vuċi umana jew artifiċjali;

"kulur ta' sigurtà" tfisser kulur li għalih jingħata tifsir speċifiku;

"simbolu" jew "illustrazzjoni bi stampa" tfisser figura li tiddeskrivi sitwazzjoni jew li tippreskrivi aġir speċifiku u li tintuża fuq tabella jew fuq superfiċi mdawwla;

"sinjal akustiku" tfisser sinjal b'ħoss kodifikat li johroġ u jiġi trasmess minn apparat diżinjat għal dak il-għan minghajr l-użu ta' vuċi umana jew artifiċjali;

"sinjal bl-idejn" tfisser moviment jew pożizzjoni tad-dirghajn jew ta' l-idejn, jew it-tnejn flimkien, f'forma kodifikata, biex tiggwida lill-persuni li jkunu qegħdin jaghmlu manuvri li huma perikoluži jew ta' riskju għas-saħħa u għas-sigurtà ta' persuni li jkunu fuq xogħol;

"sinjal ta' hruġ ta' emerġenza jew ta' l-ewwel għajnuna" tfisser sinjal li jaghti informazzjoni dwar rotot minn fejn wiehed jista' jahrab, hruġ ta' emerġenza jew faċilitajiet ta' l-ewwel għajnuna jew ta' salvataġġ;

"sinjal imdawwal" tfisser sinjal prodott minn apparat maghmul minn materjali trasparenti jew li jghaddi minnhom d-dawl li jkunu mdawwlin minn ġewwa jew minn wara b'mod li jaghtu dehra ta' superfiċi mdawwla;

"sinjal ta' informazzjoni" tfisser sinjal li jkun jipprovdi informazzjoni li ma tkunx dik moghtija b'sinjal ta' projbizzjoni, sinjal ta' twissija, jew sinjal ta' emerġenza jew ta' l-ewwel għajnuna;

"sinjal ta' projbizzjoni" tfisser sinjal li jipprojbixxi xi attività jew xi forma ta' aġir illi x'aktarx tikkawża riskju ghas-sahha jew ghas-sigurtà, jew li ġġib magħha xi periklu;

"sinjal ta' sahha u, jew ta' sigurtà" tfisser sinjal li jirreferi ghal xi haġa, attività jew sitwazzjoni speċifika u li jipprovdi informazzjoni jew struzzjonijiet dwar is-sahha u, jew dwar is-sigurtà permezz ta', iżda mhux limitat ghal, tabella, kulur, sinjal imdawwal, sinjal akustiku, komunikazzjoni verbali jew sinjal bl-idejn, skond il-każ, u jinkludi, iżda ma jkunx limitat ghal, sinjal dwar x'ghandu wiehed jaghmel, sinjal li jipprojbixxi u sinjal ta' twissija;

"sinjal ta' twissija" tfisser sinjal li jaghti twissija ta' periklu, ta' riskju ghas-sahha jew ghas-sigurtà, jew ta' xi periklu;

"sinjal ta' x'ghandu wiehed jaghmel" tfisser sinjal li jippreskrivi forma speċifikata ta' aġir;

"sustanza" tfisser element kimiku u/jew il-komposti tieghu, kemm jekk dan isir b'mod naturali jew jiġi prodott bi proċess industrijali, u tinkludi kull tahlita jew soluzzjoni ta' żewġ sustanzi jew aktar;

"sustanza perikoluża" tfisser sustanza li tkun esplożiva, ossida, li tiehu n-nar jew faċilment tista' tiehu n-nar, jew li jkollha proprjetajiet tossiċi, ta' hsara, korroživi jew irritanti ghar-rigward ta' persuni;

"tabella" tfisser sinjal li jaghti informazzjoni jew struzzjonijiet speċifiċi permezz ta' ghadd ta' forom ġeometriċi, kuluri, simboli jew illustrazzjonijiet bi stampa u li wiehed jista' jaraha faċilment ghax tkun imdawla biżżejjed;

"tabella supplementari" tfisser tabella li tintuża flimkien ma' tabella ohra li tipprovdi informazzjoni supplementari.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kliem u frażijiet ghandu jkollhom l-istess tifsir bhalma ghandhom fl-artikolu 2 ta' l-Att.

Applikabbilita

3. (1) Dawn ir-regolamenti japplikaw ghall-postijiet kollha tax-xoghol, u ghas-sinjali kollha, hlief kif provdut fis-subregolament (3) ta' dan ir-regolament, u ghandhom jitqiesu bhala l-inqas htiġiet applikabbli ghas-sinjali kollha ta' sahha u, jew ta' sigurtà wżati fil-postijiet tax-xoghol.

(2) Kull sinjal ta' sahha u, jew ta' sigurtà wżat fuq il-post tax-xoghol ghandu jkun konformi ma' l-inqas htiġiet elenkati fl-Iskedi I sa IX li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti.

(3) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx ghal sinjali wżati biex jirregolaw l-ivvjaġġar fit-triq, fuq il-bahar jew bl-ajru:

Iżda fejn fuq post tax-xoghol ikun hemm riskju ghas-sahha jew ghas-sigurtà ta' persuna, li tinkludi *pedestrian*, li jiġi mill-preżenza ta', jew mill-moviment ta' traffiku, min ihaddem ghandu jwahhal is-sinjali tas-sahha u, jew tas-sigurtà xierqa:

Iżda wkoll, u minghajr preġudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' l-Iskeda V, is-sinjali li jintużaw ghat-toroq, ferroviji, kanali interni, u ghat-traspot bil-bahar u bl-ajru, ghandhom, ikunu stallati, fejn ikun hekk adatt ghal dawk it-tipi ta' trasport, ġewwa l-impriżi u, jew id-ditti.

(4) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx ghal sinjali wżati f'konnessjoni mat-tqeghid fis-suq, mal-provvista, jew waqt it-trasport, ta' xi sustanza, preparat, prodott u, jew apparat perikoluż minbarra ghal dak li jirrigwarda xi referenza ghal dawn ir-regolamenti f'xi regolament iehor maghmul taht l-Att.

Dmirijiet generali

4. (1) Min ihaddem ghandu jipprovdi u jiżgura li jkun hemm taht il-kontroll tieghu fil-hinijiet kollha sinjali ta' sahha u, jew ta' sigurtà kif imiss u xierqa, u f'dawk il-kazijiet kollha fejn il-perikolu ma jistax jiġi evitat jew adegwatament imnaqqas b'teknikalitajiet ghall-harsien kollettiv jew b'miżuri, metodi jew proċeduri li jintużaw fl-organizzazzjoni tax-xoghol, jew fejn ir-riskji li jirriżultaw minn dawn il-perikoli ma jistghux jiġu mnaqqsa adegwatament hlief permezz ta' twahhil ta' sinjali xierqa:

Iżda, minghajr hsara ghall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, it-twahhil minn min ihaddem ta' sinjali ta' sahha u, jew ta' sigurtà ma jeżonerawx lil min ihaddem milli jaghmel eżami xieraq u kif imiss tar-riskji involuti, liema eżami jieħu in konsiderazzjoni x-xorta ta' l-attivitajiet li jitmexxew, jew milli jaddotta l-miżuri xierqa biex

jipproteġi lil persuni kollettivament, jew milli jieħu miżuri preventivi li jkun hemm bżonn, jew xi metodu ieħor jew proċedura oħra wżati fl-organizzazzjoni tax-xogħol li bihom jiġu evitati jew imnaqqsa adegwatament ir-riskji li jirriżultaw mill-preżenza ta' perikli fuq il-post tax-xogħol.

(2) Min iħaddem għandu jżomm kif imiss kull sinjal ta' saħħa u, jew ta' sigurtà stallat fil-post tax-xogħol, u għandu jissostitwixxi kull sinjal li jkun imqatta', ma jintgħarafx jew li ma jkunx jista' jinqara.

(3) Min iħaddem għandu jiżgura li l-ħaddiema kollha jkunu informati, mgħallma u mħarrġa adegwatament, b'mod li jkun rilevanti u jista' jinftiehem faċilment, dwar it-tifsir ta' sinjali ta' saħħa u, jew ta' sigurtà, inklużi dawk is-sinjali li jkun fihom xi kliem, u dwar l-aġir b'mod ġenerali u speċifiku u dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu f'konnessjoni ma' dawk is-sinjali.

(4) Min iħaddem għandu jikkonsulta lill-ħaddiema u, jew lir-rappreżentanti tagħhom għas-saħħa u s-sigurtà, li għandhom ukoll jingħataw kull opportunità raġonevoli biex jagħmlu l-proposti tagħhom u jipparteċipaw f'diskussjonijiet dwar suġġetti li jirrigwardaw l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Fuq min taqa' l-prova.

5. Fi proċedimenti dwar xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkunu jikkonsistu f'nuqqas ta' tħaris ta' xi dmir jew ħtieġa li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sakemm din tkun raġonevolment prattikabbli, ikun l-akkużat li jkollu jġib prova (skond il-każ) li ma kienx prattikabbli jew raġenovolment prattikabbli li jintgħamel iktar milli fil-fatt sar biex jiġu sodisfatti d-dmir jew il-ħtieġa, jew li ma kienx hemm xi mezz prattikabbli aħjar minn dak li jkun fil-fatt intuża biex jissodisfa d-dmir jew il-ħtieġa.

Reati

6. Il-kontravvenzjoni ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandha titqies bħala reat.

Ħassar l-A L. 65 ta' l-2000.

7. Ir-Regolamenti ta' l-2000 dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u tas-Sigurtà fuq Postijiet tax-Xogħol, hu b'dawn imħassrin.

SKEDA I

L-anqas ħtiġiet ġenerali dwar sinjali ta' saħħa u/jew ta' sigurtà fuq il-post tax-xogħol

1.0 Rimarki Preliminari

1.1 Fejn sinjali ta' saħħa u/jew ta' sigurtà huma meħtieġa skond ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti, dawn għandhom ikunu jaqblu mal-ħtiġiet speċifiċi elenkati fl-Iskedi II sa IV.

1.2 Din l-Iskeda tinkludi dawk il-ħtiġiet dwar sinjali ta' saħħa u/jew ta' sigurtà, tiddeskrivi l-użu differenti tagħhom u tagħti regoli ġenerali dwar it-tibdil bejn sinjal u ieħor, u l-użu ta' żewġ sinjali jew iżjed flimkien.

1.3 Sinjali ta' saħħa u/jew ta' sigurtà għandhom jintużaw biss biex jagħtu l-messaġġ jew l-informazzjoni speċifikati fid-Direttiva.

2.0 Tipi ta' Sinjali

2.1 *Sinjali permanenti*

2.1.1 Tabelli permanenti għandhom jintużaw għal dawk is-sinjali li jirrigwardaw xi projbizzjoni, jew xi twissija jew xi ħtiġiet ta' x'għandu wieħed jagħmel u għad-direzzjoni u identifikazzjoni ta' rotot ta' ħruġ f'emerġenza u faċilitajiet ta' l-ewwel għajnuna.

Tabelli u/jew kulur ta' sigurtà għandhom jintużaw biex jimmarkaw b'mod li ma jitħassarx fejn ikun sitwat u l-identifikazzjoni ta' apparat għat-tifi tan-nar.

2.1.2 Tabelli fuq reċipjenti u pajpijiet għandhom jitwaħħlu skond kif speċifikat fit-Skeda III.

2.1.3 Dawk il-postijiet fejn hemm riskju ta' ħabta ma' ostakoli jew fejn wieħed jista' jaqa' għandhom jiġu mmarkati, b'mod li ma jitħassarx, b'kulur ta' sigurtà u/jew b'tabelli.

2.1.4 Rotot ta' traffiku għandhom ikunu mmarkati b'mod li ma jitħassarx b'kulur ta' sigurtà.

2.2 *Sinjali okkażjonali*

2.2.1 Sinjali mdawwlin, sinjali akkustiċi u/jew komunikazzjoni verbali għandhom jintużaw fejn l-okkażjoni tkun hekk teħtieġ billi tiġi kkunsidrata l-possibbiltà ta' bdil bejn sinjal u ieħor jew li jintużaw żewġ sinjali jew iżjed flimkien elenkati fil-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda, biex jagħtu sinjali ta' periklu, biex jordnaw lill-persuni biex jieħdu azzjoni speċifika, u għall-evakwazzjoni ta' persuni f'emerġenza.

2.2.2 Sinjali bl-idejn u/jew komunikazzjoni verbali ghandhom jintużaw fejn l-okkażjoni tkun tehtieġ hekk, biex jiggwidaw lil persuni li jkunu qed iwettqu manuvri riskjużi jew perikoluzi.

3.0 Bdil bejn sinjali u ieħor jew użu ta' żewġ sinjali jew iżjed flimkien

3.1 Kull wieħed minn dawn is-sinjali li ġejjin jista' jintuża jekk l-effett tagħhom ikun l-istess:

- sinjal ta' sigurtà jew tabella biex jiġu mmarkati postijiet fejn ikun hemm xi ostaklu jew fejn wieħed jista' jaqa';

- sinjali mdawwlin, sinjali akustiċi jew komunikazzjoni verbali;

- sinjali bl-idejn jew komunikazzjoni verbali.

3.2 Ċerti tipi ta' sinjali jistgħu jintużaw flimkien:

- sinjali mdawwlin u sinjali akustiċi;

- sinjali mdawwlin u komunikazzjoni verbali;

- sinjali bl-idejn u komunikazzjoni verbali.

4.0 L-Istruzzjonijiet fit-Tabella li ġejja japplikaw għas-sinjali kollha li jinkorporaw kulur ta' sigurtà:

Kulur	Tifsir jew Għan	Istruzzjonijiet u Informazzjoni
Aħmar	Sinjal ta' projbizzjoni	Aġir perikoluż.
	Allarm dwar periklu	Ieqaf, waqqaf kollox, apparat li jitfi kollox f'emerġenza. Evakwazzjoni.
	Apparat għat-tifi tan-nar	Identifikazzjoni u post fejn qiegħed.
Isfar jew Oranġjo	Sinjal ta' twissija	Oqogħod attent, hu l-prekawzjonijiet kollha. Eżamina.
Blu	Sinjal ta' x'għandu wieħed jagħmel	Aġir jew azzjoni speċifiċi. Ilbes apparat protettiv personali.
Aħdar	Ħruġ ta' emerġenza, sinjal ta' l-ewwel għajnuna	Bibien, ħruġ, rotot, apparat, faċilitajiet.
	M'hemmx periklu	Erġa' lura għan-normal.

5.0 L-effikaċja ta' sinjal ma għandhiex tiġi affettwata ħażin mill-preżenza ta' sinjal ieħor ta' l-istess tip li jnaqqas il-viżibilità jew kemm jista' jinstema'; konsegwentement u partikolarment:

- it-twahhil ta' hafna sinjali hdejn xulxin għandu jiġi evitat;

- żewġ sinjali mdawlin li x'aktarx jistgħu joħolqu konfużjoni m'għandhomx jintużaw fl-istess ħin;

- sinjal imdawwal ma għandux jintuża ħdejn sors ieħor ta' dawl simili;

- żewġ sinjali akkustiċi m'għandhomx jintużaw fl-istess ħin;

- sinjal akustiku m'għandux jintuża jekk ikun hemm wisq storbju fl-ambjent.

5.1 L-effikaċja ta' sinjal ma għandhiex bl-istess mod tkun affettwata ħażin minħabba f'diżinn ħażin, għadd mhux biżżejjed ta' sinjali, jekk ikunu mqieghdin ħażin, jekk ikunu fi stat ta' manutenzjoni ħażina jew jekk is-sinjali jew l-apparati li jagħtu dawn is-sinjali ma jkunux jaħdmu tajjeb.

6.0 Skond il-ħtiġiet, sinjali u apparati li jagħtu dawn is-sinjali għandhom jitnaddfu, jinżammu fi stat ta' manutenzjoni tajba, jiġu eżaminati, imsewwija u, jekk dan ikun neċessarju, mibdula fuq bażi regolari biex jiġi żgurat illi jippreservaw l-kwalitajiet tagħhom intrinsiċi u/jew funzjonali jibqgħu jseħħu.

7.0 In-numru ta' sinjali u ta' apparati li jagħtu dawn is-sinjali, u fejn dawn jiġu stallati, jiddependu mill-vastità ta' riskji jew perikli jew fuq iż-żona li għandha tiġi koperta.

8.0 Dawk is-sinjali li għandhom ikollhom xi forma ta' provvista ta' enerġija għandhom ikunu provduti bi provvista ta' emerġenza garantita fil-każ ta' xi qtugħ fil-provvista ta' l-elettriku, sakemm il-periklu ma jkunx ġie eliminat b'daqshekk.

9.0 L-attivazzjoni ta' sinjal imdawwal u/jew ta' sinjal akustiku jindika meta l-azzjoni meħtieġa għandha tibda; is-sinjal jew is-sinjal akustiku għandu jibqa' attivat sakemm dik l-azzjoni tkun meħtieġa. Sinjali mdawwlin u sinjali akustiċi għandhom jiġu attivati mill-ġdid immedjatament wara li jkunu ġew użati.

10.0 Sinjali mdawlin u sinjali akustici għandhom jiġu eżaminati biex jiġi żgurat li jiffunzjonaw b'mod korrett u li huma effettivi qabel ma jitpoġġew għall-użu u sussegwentement għandhom jiġu eżaminati f'intervalli frekwenti.

11.0 Jekk is-smigħ jew il-vista tal-ħaddiema tkun nieqsa, inkluż nuqqas mill-fatt li wieħed jilbes tagħmir protettiv personali, għandhom jittieħdu miżuri biex iżidu mas-sinjali konċernati jew jissostitwixxu dawk is-sinjali.

12.0 Dawk l-arei, kmamar jew imkejjen li huma wżati għall-ħażna ta' kwantitajiet kbar ta' sustanzi jew preparati perikoluži għandhom jiġu indikati b'sinjal xieraq ta' allarm meħud mill-paragrafu 3.2 ta' Skeda II li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, jew għandhom ikunu mmarkati kif stipulat fil-paragrafu 1 ta' Skeda III li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, sakemm l-immarkar fuq il-pakkeġġi jew reċipjenti individwali ma jkunx biżżejjed għal dan il-għan.

SKEDA II

L-anqas ħtiġiet ġenerali għar-rigward ta' tabelli

1.0 Karatteristiċi intrinsiċi

1.1 Il-forma u l-kuluri li għandhom jintużaw fuq tabelli huma stipulati fil-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda skond l-għan speċifiku tagħhom (tabelli li jindikaw projbizzjoni, twissija, azzjoni li għandha tittieħed, rotta mnejn wieħed jista' jaħrab, emerġenza jew apparat għat-tifi tan-nar).

1.2 L-illustrazzjonijiet bi stampa għandhom ikunu sempliċi kemm dan ikun possibbli, u għandhom jinkludu biss id-dettaliji essenzjali.

1.3 L-illustrazzjonijiet bi stampa li jintużaw jistgħu jkunu kemm kemm differenti, jew ikollhom iktar dettalji, minn dawk murija fil-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda sakemm jagħtu l-istess tifsir u sakemm l-ebda differenza jew modifika ma tfixkel it-tifsir tagħhom.

1.4 It-tabelli għandhom ikunu manufatturati minn materjal li jirreżisti daqqiet u temp-ħażin, u dan il-materjal għandu jkun adattat għall-ambjent ta' madwaru.

1.5 Id-daqs u l-karatteristiċi tal-qawwa tal-kulur u tad-dawl ta' tabelli għandhom ikunu tali li wieħed jista' jarahom u jifimhom faċilment.

2.0 Kondizzjonijiet għall-użu

2.1 It-tabelli, bħala prinċipju, għandhom jiġu installati f'għoli xieraq u f'pożizzjoni xierqa mal-linja tal-vista, billi wieħed jieħu in konsiderazzjoni kull xkiel, kemm għall-aċċess lejn xi area fil-każ ta' periklu ġenerali, kif ukoll jekk ikun immedjatament viċin periklu jew oġġett speċifiku, u għandhom jitqiegħdu f'post li jkun imdawwal sew, li wieħed jista' jilħqu u jarah faċilment.

Għandhom jintużaw kuluri fosforexxenti, materjali li jirriflettu d-dawl u dawl artifiċjali fejn il-livell ta' dawl naturali jkun baxx.

2.2 It-tabella għandha tiġi mneħħija meta s-sitwazzjoni li għaliha tirreferi ma tibqax issehħ.

3.0 Tabelli li għandhom jintużaw

3.1 **Sinjali ta' projbizzjoni.**

- Karatteristiċi intrinsiċi:
- forma tonda
- illustrazzjoni bi stampa sewda fuq sfond abjad, bordura ħamra u linja dijagonali (il-parti l-ħamra għandha tgħatti mill-inqas 35% tas-sinjal).

Tabelli li għandhom jintużaw:



Tpejjipx



Tipjip u fjammi tan-nar projbiti



M'hemmx aċċess għal *pedestrians*



Titfix bl-ilma



Mhux tajjeb għax-xorb



M'hemmx aċċess għal persuni mhux awtorizzati



M'hemmx aċċess għal vetturi industrijali




Tmissx

3.2 *Sinjali ta' twissija.*

- Karatteristiċi intristiċi:
- forma trijangolari
- illustrazzjoni bi stampa sewda fuq sfond isfar bil-bordura bl-iswed (il-parti s-safra għandha tgħatti mill-inqas 50% tas-sinjal)



Materjal li jaqbad jew temperatura għolja




Materjal li jisplodi




Materjal tossiku



Materjal korrosiv




Materjal radjuattiv




Tagħbija fl-għoli




Vetturi industrijali




Periklu: elettriku




Periklu ġenerali




Raġġ tal-*laser*



Materjal ossidanti



Radjazzjoni bla ijoni



Żona manjetika qawwija




Ostakoli




Hemm l-għoli



Riskju bijoloġiku



Temperatura baxxa



Materjal noċiv jew irritanti

3.3 *Sinjali ta' x'għandu wieħed jagħmel.*

- Karatteristiċi intristiċi:
- forma tonda
- illustrazzjoni bi stampa bajda fuq sfond ikħal (il-parti bl-ikħal għandha tgħatti mill-inqas 50% tas-sinjal).




Għandha tintlibes protezzjoni għall-għajnejn



Elmu ta' protezzjoni



Għandha tintlibes protezzjoni għall-widnejn




Għandu jintlibes apparat respiratorju




Għandhom jintlibsu żraben ta' protezzjoni




Għandhom jintlibsu ingwanti ta' protezzjoni




Għandhom jintlibsu fradal ta' protezzjoni



Għandha tintlibes protezzjoni għall-wiċċ



Għandu jintlibes arneż ta' protezzjoni




Il-*pedestrians* għandhom jużaw din ir-rotta




Sinjal ġenerali ta' x'għandu wieħed jagħmel (għandu jintuża kif meħtieġ flimkien ma' sinjal ieħor)

3.4 *Sinjali ta' ħruġ f'emerġenza jew ta' l-ewwel għajnuna.*

- Karateristiċi intrinsiċi:
- forma rettangolari jew kwadra
- illustrazzjoni bi stampa bajda fuq sfond aħdar (il-parti l-ħadra għandha tghatti mill-inqas 50% tas-sinjal)




Ħruġ ta' emerġenza/Rotta mnejn wieħed jista' jaħrab



Lejn din in-naħa
(sinjal ta' informazzjoni addizzjonali)



Post fejn tingħata l-ewwel għajnuna



Stretcher



Doċċa ta' protezzjoni




Ħasil ta' l-għajnejn




Telefon ta' emerġenza għall-ewwel għajnuna jew ħruġ f'emerġenza

3.5 *Sinjali ta' tifi tan-nar.*


- Karatteristiċi intrinsiċi:
- forma rettangolari jew kwadra
- illustrazzjoni bi stampa bajda fuq sfond aħmar (il-parti l-ħamra għandha tgħatti mill-inqas 50% tas-sinjal).




Manka għat-tifi tan-nar




Sellum



Apparat għat-tifi tan-nar



Telefon ta' emerġenza f'każ ta' nar



Lejn din in-naħa
(sinjal ta' informazzjoni addizzjonali)

SKEDA III

L-anqas ħtiġiet għar-rigward ta' sinjali ta' saħħa u/jew ta' sigurtà fuq reċipjenti u pajpijiet

1.0 Rimarki preliminari

1.1 Id-disposizzjonijiet ta' din l-Iskeda japplikaw għal sinjali fuq reċipjenti li jintużaw fuq ix-xogħol għal sustanzi perikolużi, reċipjenti li jintużaw għall-ħażna ta' dawk is-sustanzi perikolużi, kif ukoll għall-pajpijiet li jkunu jidhru li jkun fihom jew li minnhom jgħaddu sustanzi perikolużi.

Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu ta' qabel dan ma japplikawx għal reċipjenti li jintużaw fuq ix-xogħol għal perijodi qosra, lanqas għal reċipjenti li dak li jkun fihom jitbiddel ta' spiss, sakemm jittieħdu miżuri oħra xierqa, partikolarment dwar informazzjoni u/jew taħriġ, li jiggarantixxu l-istess livell ta' protezzjoni.

1.2 Tista' tiżdied informazzjoni addizzjonali mas-sinjali msemmija fil-paragrafu 1.1 ta' din l-Iskeda, liema informazzjoni tkun, per eżempju, tirrigwarda l-isem u/jew il-formula tas-sustanza perikoluża u dettaliji dwar il-periklu.

2.0 Is-sinjali għandhom jitwaħħlu kif ġej:

- fuq kull naħa li tidher;
- jekk ma jinqalgħux, f'għamla li teħel minnha nnifisha jew miżbugħin

3.0 Fejn ikun xieraq, is-sinjali msemmijin fil-paragrafu 1.1 ta' din l-Iskeda għandu jkollhom l-karatterisiċi intrinsiċi mniżżla fil-paragrafu 1.4 ta' Skeda II, u għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet għall-użu ta' tabelli imnizzlin fil-paragrafu 2 ta' Skeda II.

4.0 Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-paragrafi ta' qabel, is-sinjali li jintużaw fuq il-pajpijiet għandhom jitqieġħdu b'mod li wieħed jista' jarahom biswit il-postijiet l-aktar perikolużi, bħalma huma valvoli u tagħqid ta' pajpijiet, u f'intervalli raġonevoli.

5.0 Kull area, kamra jew imkien fil-magħluq li jintużaw għall-ħażna ta' kwantitajiet kbar ta' sustanzi perikolużi għandhom ikunu indikati b'sinjal xieraq ta' twissija li jittieħed mill-paragrafu 3.2 ta' Skeda II, jew li jiġu mmarkati kif imfisser fil-paragrafu 1 ta' Skeda III, sakemm l-immarkar fuq il-pakkeġġi jew ir-reċipjenti individwali ma jkunx biżżejjed għal dan il-għan, meta wieħed iqis id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1.5 ta' Skeda II għal dak li jirrigwarda l-qisien tagħhom.

Mħażen fejn jinżamm għadd ta' sustanzi perikolużi jistgħu jiġu indikati bis-sinjal ta' twissija ta' periklu ġenerali.

Is-sinjali fuq imsemmija għandhom ikunu mqegħdin, kif jixraq, ħdejn il-post tal-ħażna fuq il-bieb li jwassal għall-maħżen.

SKEDA IV

L-anqas ħtiġiet biex wieħed jidentifika u jsib l-apparat għat-tifi tan-nar

1.0 Rimarka preliminari

Din l-Iskeda tapplika għal apparat li jintuża biss għat-tifi tan-nar.

2.0 L-apparat għat-tifi tan-nar għandu jiġi identifikat billi jintuża kulur speċifiku għall-apparat u titwaħħal tabella li turi fejn jinsab dan l-apparat, u/jew billi jintuża kulur speċifiku għal dawk il-postijiet fejn jinżamm apparat bħal dak, jew għall-postijiet ta' aċċess għalihom.

3.0 Il-kulur li jidentifika dan l-apparat huwa aħmar.

Il-parti l-ħamra għandha tkun kbira biżżejjed li tippermetti li l-apparat jintgħaraf faċilment.

4.0 It-tabelli msemmija fil-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda għandhom jintużaw biex juru dawk il-postijiet fejn jinstab dan l-apparat.

SKEDA V

L-anqas ħtiġiet li jirregolaw sinjali li juru postijiet ta' xkiel jew ta' periklu, u biex jimmarkaw rotot ta' traffiku

1.0 Sinjali li juru postijiet ta' xkiel jew ta' periklu

1.1 Dawk il-postijiet fejn ikun hemm riskju li wieħed jista' jaħbat ma' ostakli, li wieħed jista' jaqa', jew fejn jistgħu jaqgħu xi oġġetti, għandhom ikunu mmarkati bi strixxi sofor u suwed ħdejn xulxin, jew ħomor u bojod f'żoni li jkun fihom il-bini fl-impriża li l-ħaddiema jkollhom aċċess għaliha waqt ix-xogħol tagħhom.

1.2 Il-qisien tal-marki għandhom ikunu kbar jew żgħar skond id-daqs ta' l-ostaklu jew tal-post perikoluż in kwistjoni.

1.3 L-istrixxi sofor u suwed jew ħomor u bojod għandhom ikunu f'angolu ta' madwar 45∫, u l-istrixxi għandhom ikunu bejn wieħed u ieħor ta' l-istess daqs.

1.4 Eżempju:



2.0 Immarkar ta' rotot ta' traffiku

2.1 Meta l-użu u l-apparat ta' kmamar ikun hekk jeħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, ir-rotot ta' traffiku għal vetturi għandhom jiġu indikati b'mod ċar, bi strixxi kontinwi ta' kulur li jidher b'mod ċar, preferibbilment abjad jew isfar, meta wieħed jikkonsidra l-kulur ta' l-art.

2.2 L-istrixxi għandhom ikun mqiegħdin b'tali mod li jindikaw id-distanza neċessarja ta' mingħajr perikolu bejn vetturi u xi oġġett li jkun fil-viċin, u bejn pedestrians u vetturi.

2.3 Rotot ta' traffiku permanenti f'postjiet fejn ikun hemm il-bini fuq barra għandhom, safejn dan ikun prattiku, jiġu mmarkati bl-istess mod, sakemm ma jkollhomx ilqugħ jew bankini kif imiss.

SKEDA VI

L-anqas ħtiġiet għal sinjali mdawwlin

1.0 Karatteristiċi intrinsiċi

1.1 Id-dawl li joħroġ mis-sinjal għandu jipproduċi kuntrast luminuż li jkun skond l-ambjent ta' madwaru, skond il-kondizzjonijiet maħsuba għall-użu tas-sinjal. imma minghajr ma jipproduċi dawl li jgħammex li jkun kawża ta' ammont eċċessiv ta' dawl jew viżibilità ħażina bħala riżultat ta' dawl baxx.

1.2 L-area imdawwla li minnha joħroġ is-sinjal tista' tkun ta' kulur uniku jew ikun fiha illustrazzjoni bi stampa fuq sfond speċifikat.

1.3 Il-kulur uniku għandu jkun skond it-tabella tal-kuluri u t-tifsiriet tagħhom elenkati fil-paragrafu 4 ta' Skeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

1.4 Meta s-sinjal ikun fih illustrazzjoni bi stampa, din ta' l-aħħar għandha tkun skond il-kondizzjonijiet relevanti kollha elenkati fi Skeda II.

2.0 Regoli speċifiċi dwar l-użu

2.1 Jekk apparat jista' jibgħat sinjali kemm kontinwi kemm intermittenti, is-sinjal intermittenti għandu jiġi wżat biex jindika grad oghla ta' periklu jew neċessità aktar urġenti għall-intervent jew l-azzjoni meħtieġaċimposta minn dak indikat b'sinjal kontinwu.

It-tul ta' ħin ta' kull leħħa u l-frekwenza tal-leħħiet minn sinjal imdawwal intermittenti għandhom ikunu tali li:

- jiżguraw li l-messaġġ jiftiehem sewwa; u

- jevitaw kull konfużjoni li tista' tinħoloq sew bejn sinjali mdawwlin differenti sew b'xi sinjal imdawwal kontinwu.

2.2 Jekk jintuża sinjal li jagħti leħħa minflok, jew flimkien ma', sinjal akustiku, għandhom jintużaw sinjali kodifikati identiċi.

2.3 Kull apparat li jagħti sinjali ta' leħħa f'każ ta' periklu gravi għandhom ikunu taħt sorveljanza speċjali jew jiġu mgħammra b'lampa awżiljarja.

SKEDA VII
L-anqas ħtiġiet għal sinjali akustiċi

1.0 Karatterisitiċi intrinsiċi

1.1 Sinjali akustiċi:

- għandu jkollhom livell ta' ħoss li jkun ħafna ogħla mill-livell tal-ħsejjes ambjentali, sabiex ikunu jistgħu jinstemgħu minghajr ma jkunu eċċessivi jew iweġġgħu;

- għandhom jingħarfu faċilment, partikolarment għal dak li jirrigwarda t-tul ta' ħin tal-ħoss u l-intervall bejn il-ħsejjes jew bejn gruppi ta' ħsejjes, u għandhom ikunu distinti b'mod ċar minn kull sinjal akustiku ieħor u ħsejjes oħra fl-ambjent.

1.2 Jekk apparat jista' jagħti sinjal akustiku fuq frekwenzi varjabbli u kostanti, il-frekwenza varjabbli għandha tintuża biex tindika grad ogħla ta' periklu jew neċessità aktar urġenti għall-intervent jew l-azzjoni meħtieġa/imposta minn dak indikat bi frekwenza stabbli.

2.0 Sinjali Kodifikat

2.1 Il-ħoss għall-evakwazzjoni għandu jkun kontinwu.

SKEDA VIII

L-anqas ħtiġiet għal komunikazzjoni verbali

1.0 Karatterisitiċi Intrinsiċi

1.1 Komunikazzjoni verbali bejn min ikun qed jitkellem jew l-apparat li minnu joħroġ il-kliem u semmiegħ jew aktar semmiegħa għandha tieħu l-forma (ċerti drabi f'sinjali kodifikati) ta' sentenzi żgħar, frażijiet, gruppi ta' kliem u/jew kliem individwali.

1.2 Messaġġi li jingħataw bil-fomm għandhom ikunu qosra, sempliċi u kemm jista' jkun ċari; il-kapaċitajiet ta' minn qed jitkellem u l-kapaċitajiet ta' smigħ tas-semmieghċa għandhom ikunu tali li jiżguraw li l-komunikazzjoni verbali tiftiehem.

1.3 Komunikazzjoni verbali hija diretta (permezz tal-vuċi umana) jew indiretta (permezz ta' vuċi umana jew artifiċjali li tiġi mxandra b'kull mezz xieraq).

2.0 Regoli speċifiċi dwar l-użu

2.1 Il-persuni konċernati għandhom ikunu jafu sew l-lingwa wżata sabiex ikunu jistgħu jippronunzjaw u jifhmu l-messaġġ bil-fomm b'mod korrett u konsegwentement jaġixxu b'tali mod li jkun xieraq għas-saħħa u/jew għas-sigurtà.

2.2 Jekk il-komunikazzjoni verbali tintuża minflok, jew flimkien ma', mossi ta' l-idejn, għandhom jintużaw kliem kodifikati. Eżempji ta' dawn il-kliem kodifikati jinkludu:

bidu	biex jindika l-bidu ta' ordni
ieqaf	biex jinterrompi jew itemm moviment
tmiem	biex iwaqqaf l-operazzjoni
għolli	biex tiġi mgħollija tagħbija
niżżel	biex tiġi mniżżla tagħbija
'l quddiem	għandha tiġi wżata flimkien mas-sinjali bl-idejn korrispondenti
lura	għandha tiġi wżata flimkien mas-sinjali bl-idejn korrispondenti
lemin	għandha tiġi wżata flimkien mas-sinjali bl-idejn korrispondenti
xellug	għandha tiġi wżata flimkien mas-sinjali bl-idejn korrispondenti
periklu	għal waqfien minnufih minħabba f'emerġenza
malajr	biex jitgħaġġel moviment għal raġunijiet ta' sigurtà

SKEDA IX

L-anqas ħtiġiet għal sinjali bl-idejn

1.0 Karatteristiċi

1.1 Sinjali bl-idejn għandhom ikunu preċiżi, espansivi, għandhom isiru u jinftehmu faċilment, u għandhom ikunu kompletament distinti minn sinjali oħra bħalhom.

1.2 Fejn jintużaw iż-żewġ dirgħajn fl-istess ħin, dawn għandhom jiġu mċaqalqa b'mod simmettriku u għandhom jagħtu sinjal wieħed biss.

1.3 Is-sinjali li jintużaw jistgħu jkunu kemm kemm differenti, jew ikunu aktar dettaljati, minn dawk murija fil-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda, sakemm jissodisfaw il-kondizzjonijiet hawn aktar qabel imsemmija. Iżda għandhom ikunu ta' l-istess tifsir u fehma.

2.0 Regoli speċifiċi dwar l-użu

2.1 Il-persuna li tkun qed tagħti s-sinjali, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejħa min jagħti s-sinjal, għandha tuża movimenti tad-dirgħajnċta' l-idejn biex tagħti struzzjonijiet dwar il-manuvri li għandhom isiru mill-persuna li tirċievi dawk is-sinjali, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejħa l-operatur.

2.2 Min jagħti s-sinjal għandu jkun jista' jissorvelja b'mod viżiv il-manuvri kollha mingħajr ma jkun f'periklu.

2.3 Id-dmirijiet ta' min jagħti s-sinjal għandhom ikunu esklużivament dawk li jidderiġu l-manuvri u li jiżguraw s-sigurtà ta' ħaddiema fil-viċin.

2.4 Jekk ma jitwettqux il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2.2 ta' din l-Iskeda, għandhom jiġu ingaġġati iktar minn persuna waħda biex jagħtu s-sinjali.

2.5 L-operatur għandu jwaqqaf il-manuvra li tkun għaddejja, biex ikun jista' jitlob istruzzjonijiet ġodda, meta ma jkunx jista' jaqdi l-ordnijiet li jkun irċieva bil-garanziji ta' sigurtà meħtieġa.

3.0 Aċċessorji


3.1 L-operatur għandu jkun jista' jidentifika lil min jagħti s-sinjal mingħajr ebda diffikultà.

3.2 Min jagħti s-sinjal għandu jilbes xi ħaġa waħda jew aktar minn ħaġa waħda xierqa li jiddistingwuh bħal, per eżempju xi ġakketta, elmu, kmiem jew faxxa fuq driegħu, jew iġorr lembubi.


3.3 L-affarijiet li jiddistingwuh għandhom ikunu ta' kulur li jleqq, kemm jista' jkun kollha ta' l-istess kulur u li jkunu għall-użu esklużiv ta' kull min jagħti s-sinjal.

4.0 Sinjai Kodifikati li għandhom jintużaw

4.1 Dawn is-sinjali kodifikati li ġejjin għandhom, mingħajr preġudizzju għal dawk li huma applikabbli skond xi regolamenti oħra, jintużaw għall-istess manuvri f'ċerti setturi:

	Tifsir	Deskrizzjoni	Illustrazzjoni
A.		Sinjali Ġenerali	
	BIDU Attenzjoni Bidu ta' l-ordni	iż-żewġ dirgħajn jittelgħu orizzontalment bil-palmi ta' l-idejn jiffaċċaw 'il quddiem	
	IEQAF Interruzzjoni Tmiem tal-moviment	id-drigħ lemini jittella' 'l fuq bil-palma li tiffaċċa 'l quddiem	
	TMIEM ta' l-operazzjoni	iż-żewġ idejn jingħaqdu flimkien fil-livell tas-sider	
B.		Movimenti Vertikali	
	GHOLLI	id-drigħ lemini jittella' 'l fuq bil-palma li tiffaċċa 'l quddiem u tagħmel ċirku bil-mod	
	NIŻŻEL	id-drigħ lemini jitniżżel 'l isfel bil-palma li tiffaċċa 'l ġewwa u tagħmel ċirku bil-mod	

DISTANZA VERTIKALI l-idejn juru d-distanza rilevanti



C. Movimenti Orizzontali


IMXI 'L QUDDIEM iż-żewġ dirgħajn jintlwew bil-palmi ta' l-idejn jiffaċċaw 'il fuq u l-minkbejn jagħmlu movimenti bil-mod lejn il-ġisem




IMXI LURA iż-żewġ dirgħajn jintlwew bil-palmi ta' l-idejn jiffaċċaw 'l isfel, u l-minkbejn jagħmlu movimenti bil-mod 'l hinn mill-ġisem



FUQ IL-LEMIN ta' min jagħti s-sinjal id-drigħ lemini jitittella' b'mod bejn wieħed u ieħor orizzontali bil-palma tiffaċċa 'l isfel u bil-mod tagħmel movimenti żgħar lejn ix-xellug



FUQ IX-XELLUG ta' min jagħti s-sinjal d-drigħ xellugi jitittella' b'mod bejn wieħed u ieħor orizzontali bil-palma tiffaċċa 'l isfel u bil-mod tagħmel movimenti żgħar lejn il-lemin




DISTANZA ORIZZONTALI l-idejn juru d-distanza rilevanti



D. Periklu

PERIKLU
Waqfien minnufih minhabba emerġenza

Iż-żewġ dirgħajn jittellgħu 'l fuq bil-palmi li jiffaċċaw 'il quddiem



MALAJR

il-movimenti kollha jsiru iktar malajr

BIL-MOD

il-movimenti kollha jsiru iktar bil-mod